**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **540/2024 (AD)**

**AX CONSTRUCTION LTD (C-17438)**

**VS**

1. **DIRETTUR ĠENERALI TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI;**
2. **SPORTMALTA;**
3. **L-AVUKAT TAL-ISTAT; U**
4. **L-ONOR MINISTRU GĦALL-FINANZI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, ħmistax (15) ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, l-Avukat tal-Istat u l-Onor Ministru għall-Finanzi illi: (a) il-kwestjoni mqajma mill-kumpanija rikorrenti ma tistax titqies bħala *għemil amministrattiv* ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) illi l-azzjoni hija nulla peress li skont l-Artikolu 65.1 tal-General Conditions for Works Contract, il-kumpanija rikorrenti kellha l-ewwel u qabel kollox tittenta li tipproċedi bonarjament.

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B’rikors ġuramentat preżentat nhar l-erbatax (14) ta’ Mejju 2024, is-soċjeta’ rikorrenti ppremettiet illi hija kienet daħlet f’kuntratt mal-intimat id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti għan-nom tal-intimata SportMalta għall-*Construction & Finishing of a Handball Hall at Maria Assumpta Girls Secondary School, Ħamrun* f’Marzu 2021. Irriżulta waqt ix-xogħolijiet illi minħabba ċirkostanzi illi s-soċjeta’ rikorrenti allegatament ma kellhiex kontroll fuqhom, *inter alia* l-pandemija tal-COVID-19 u l-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna, il-prezzjonijiet tal-materjal ta’ kostruzzjoni u materjali relatati żdied b’mod konsiderevoli, b’dana illi s-soċjeta’ rikorrenti għamlet talba għal pagament addizzjonali fis-somma globali ta’ €323,622.04. Peress illi kienet ħarġet skema skont il-LS 601.13 *Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta’ ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku*, is-soċjeta’ rikorrenti ġiet mitluba taqsam it-talba tagħha fi tnejn, u infatti ressqet talba fis-somma ta’ €117,276.29 li kellha tkopri ż-żieda fil-prezzijiet riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna, liema talba kienet koperta bl-iskema maħruġa mill-Gvern, u talba oħra fis-somma ta’ €206,345.75 li kellha tkopri ż-żieda fil-prezzijiet riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt illi l-ewwel talba ntlaqgħet, it-tieni talba ma ntlaqgħetx, u s-soċjeta’ rikorrenti qed issostni illi hija la ngħatat informazzjoni dwar is-seduta illi fiha ġie deċiż illi t-talba ma kinitx qed tiġi aċċettata, u lanqas dwar il-motivazzjoni illi wasslet għal din id-deċiżjoni. Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikorrenti qed tikkontendi illi l-intimati jew min minnhom m’osservawx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-teħid ta’ din id-deċiżjoni, u qed jallegaw illi d-deċiżjoni hija waħda *ultra vires* ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Għaldaqstant, bl-azzjoni odjerna, is-soċjeta’ rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

   a. Tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-intimat Dipartiment datata 9 ta’ Novembru 2023 hija waħda irraġonevoli u *ultra vires* stante illi ma ingħata l-ebda

raġuni għal rifjutar tat-talba u s-soċjeta' rikorrenti ma ingħatatx smigħ xieraq;

b. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom aġixxew b'mod irraġonevoli u *ultra vires* stante illi naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali skont l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

c. Tiddikjara illi d-deċiżjoni tad-Dipartiment intimat datata 9 ta' Novembru 2023 hija waħda nulla, invalida, u/jew ta' nuqqas ta' effett u hija *ultra vires* u/jew mhux skond il-liġi;

d. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom konsegwentement ikkawżaw lis-soċjeta' rikorrenti danni u li l-istess intimati jew min minnhom huma responsabbli għal dawn id-danni hekk kaġunati;

e. Tillikwida d-danni soferti minħabba l-egħmil amministrattiv *ultra vires* fuq imsemmi;

f. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jakkordaw u jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-istess danni hekk likwidati;

g. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu s-somma hekk likwidata.

Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju ppreżentat fis-26 ta' April 2024 kontra l-intimati;

4. B'risposta datata ħamsa (5) ta' Ġunju 2024, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti, l-Avukat tal-Istat u l-Onor Ministru għall-Finanzi, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, issollevaw ukoll żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, u cioe:

***(3) Illi in linea preliminari wkoll, il-kwistjoni mqajma mill-kumpanija rikorrenti ma tistax titqies bħala "għemil amministrattiv" ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex l-ilment tal-kumpanija rikorrenti huwa regolat bil-kuntratt bir-referenza numru CT 2252/2020 ffirmat fid-9 ta' Marzu 2021, bir-regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (LS 601.03) u bil-liġi ċivili ordinarja tal-kuntratti. Għalhekk l-azzjoni tal-kumpanija rikorrenti għandha minnufih titqies bħala improponibbli;***

***(4) Illi in linea preliminari wkoll, l-azzjoni hija nulla peress li skont artiklu 65.1 tal-General Conditions for Works Contract, il-kumpanija rikorrenti kellha l-ewwel u qabel kollox tattenta li tipproċedi bonarjament;***

5. L-intimata SportMalta intavolat risposta ġuramentata separata datata ħdax (11) ta' Ġunju 2024;

6. Fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2024, il-kawża ġiet differita għall-provi dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari;

7. Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Jannar 2025, il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet hawn fuq ċitati.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

9. Rat id-dokumenti esebiti u l-provi prodott mill-partijiet dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari sollevati mid-Dipartiment tal-Kuntratti et;

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et datata għoxrin (20) ta' Frar 2025, a fol 352 *et seq* tal-proċess;

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' SportMalta, datata wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2025, a fol 361 tal-proċess;

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti, datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2025, a fol 363 *et seq* tal-proċess;

13. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward l-istess żewġ eċċezzjonijiet;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

15. Din hija talba għal stħarriġ ġudizzjarju t'azzjoni amministrattiva intavolata mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi permezz tagħha s-soċjeta' rikorrenti qed tallega illi d-deċiżjoni tad-disgħa (9) ta' Novembru 2023, komunikata lilha permezz t'*e-mail* datata wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023, illi fiha l-Kumitata Ġenerali tal-Kuntratti fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti m'approvax it-talba tagħha għal kumpens fis-somma ta' €206,345.75, kienet tikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u tammonta għalhekk għal egħmil amministrattiv illi huwa *ultra vires* ai termini tal-Artikolu 469A(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. B'din is-sentenza preliminari sejrin jiġu indirizzati ż-żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mid-Dipartiment Ġenerali tal-Kuntratti et fit-tielet u r-raba' paragrafi tar-risposta tagħhom, u cioe:

    (a) Illi l-kwistjoni mqajma mis-soċjeta' rikorrenti ma tistax titqies bħala *għemil amministrattiv* ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

(b) Illi l-azzjoni hija nulla peress illi s-soċjeta' rikorrenti m'attentatx illi tipproċedi bonarjament ai termini tal-Artikolu 65.1 tal-General Contract of Works qabel intavolat il-kawża odjerna.

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**: *<u>Il-kwistjoni mqajma mis-soċjeta' rikorrenti ma tistax titqies bħala 'għemil amministrattiv' ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12</u>*

17. L-intimati jsostnu illi l-ilment tal-kumpanija huwa regolat bil-kuntratt bir-referenza numru CT 2252/2020 iffirmat fid-9 ta' Marzu 2021, bir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (LS 601.03) u bil-liġi ċivili ordinarja tal-kuntratti. Infatti jissottomettu illi l-qagħda tas-soċjeta' rikorrenti hija regolata bir-rabta legali milħuqa bil-kuntratt ta' Marzu 2021, u d-deċiżjoni ma kinitx riżultat ta' xi applikazzjoni jew talba tal-kumpanija rikorrenti, iżda regolata bl-istess rabta legali. Isostnu wkoll illi l-Artikolu 469A(1) tal-Kap 12 jagħmilha ċara li azzjoni bħal dik odjerna tista' titressaq biss fejn m'hemmx rimedju ieħor fejjiedi u disponibbli lill-parti, iżda fil-każ odjern hemm relazzjoni kuntrattwali ai termini tal-Artikolu 992(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-liġi li tgħodd hija dik dwar l-obbligazzjonijiet;

18. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' rikorrenti tissottometti illi d-deċiżjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti kienet ir-riżultat ta' talba uffiċjali tas-soċjeta' rikorrenti, u kienet deċiżjoni finali meħuda minn awtorita' pubblika. Għaldaqstant għandha titqies bħala *"għemil amministrattiv"*, minkejja l-fatt illi hemm kuntratt viġenti bejn il-partijiet;

19. L-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 jiddefinixxi *"egħmil amministrattiv"* bħala *"il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità"*;

20. Il-**Prof Tonio Borg**, fil-ktieb tiegħu ***Judicial Review of Administrative Action in Malta***[1], jgħid:

> *[T]he two limitations of (a) a special branch of law, and (b) a contractual relationship which supersedes judicial review, may still be applied in Maltese law to determine whether an action of government is amenable to judicial review.*
>
> *[...]*
>
> *It is also submitted that when a* contractual *relationship under civil law regulates a relationship between government and John Citizen, it is civil law which regulates such relationship rather than judicial review. This follows also the distinction already referred to between governmental liability and judicial review. Where an action of government possibly falls under some kind of contractual relationship it is private law which regulates the matter just as if any private ciitzen was party to that relationship rather than the State.*

21. Il-Prof Borg jagħmel referenza wkoll għal dak illi jingħad minn **Auburn, Moffett u Sharland** f'***Judicial Review: Principles and Procedure***[2], u cioe:

> *Actions and decisions involving the exercise of what might be characterised as private law rights, such as decisions regarding commercial contracts or decisions regarding the employment of staff, are generally not amenable to judicial review, unless there is some further*

[1] Borg, Prof T, *Judicial Review of Administrative Action in Malta* (1st Edn, 2020, Kite Group) pp 40-41

[2] Auburn J, Moffett J u Sharland A, *Judicial Review: Principles and Procedure* (1st Edn, 2013, OUP) pp 18-19

*public element to the decision, even where the decision is made in the exercise of a statutory power.*

22. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Odette Tonna et vs Kummissarju tal-Artijiet et***[3], din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet:

*Fl-Ingilterra wkoll qamet il-kwistjoni jekk hemmx lok għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrativ meta jkun hemm kuntratt bejn persuna privata u awtorita` pubblika, jew jekk għandhiex tiġi applikata l-liġi ordinarja. L-opra awtorevoli id-**De Smith** tikkumenta hekk:*

*"3-065 The range and growth of contractual relationships in the public sector has presented a challenge for judicial review law. The current position on amenability to judicial review of situations involving contracts is the product of two policies. One is that judicial review, as a remedy of last resort, is inappropriate where there is another field of law governing the situation. Thus, contract disputes are normally to be left to the law of contract. (omissis) The other policy is to recognize that some public functions may be carried out through the medium of contractual relationships, which justifies the use of the Administrative Court's judicial review supervisory jurisdiction. (omissis)*

*"3-066 The tests applied by the courts to determine whether a function involving a contract is susceptible to judicial review have been criticized as overly complex. (omissis) In the orthodox approach, the court assumes that the fact that the source of a public authority's power is statutory is in and of itself insufficient to make a dispute*

[3] Rik Nru 487/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 16 ta' Diċembru 2021 (in ġudikat)

*about a contract amenable to judicial review; the court therefore goes on to consider whether there is some additional "sufficient public element, flavour, or character" to the situation. A more straightforward approach (though not one widely applied by the courts) would be to say that if the contractual decision in issue involves the exercise of a statutory power, then in principle it should be subject to judicial review and the court should consider whether any of the grounds of review have been made out.*

*"3-067 As in other contexts, in working out whether a decision is susceptible to judicial review the court considers two main factors. It will have regard to the source of the power under which the impugned decision is made. If this is "purely" contractual, judicial review is unlikely to be appropriate; some close statutory (or prerogative) underpinning of the contract will normally be needed. Alternatively, the court may consider whether the function being carried out by the defendant is a public function. Having decided that a decision is susceptible to judicial review, the court will go on to examine the grounds advanced by the claimant for the decision's unlawfulness".*

*[...]*

*Din il-Qorti taqbel li meta bejn il-privat u l-amministrazzjoni pubblika jkun hemm relazzjoni kuntrattwali, hija l-liġi ordinarja li għandha tapplika, iżda b'riżerva waħda: li din il-propożizzjoni għandha tiġi kkunsidrata biss bħala regola ġenerali; m'għandhiex tittieħed b'mod assolut imma għandha titqies applikabbli*

*biss meta l-kwistjoni tkun waħda "purament" kuntrattwali fis-sens spjegat mid-**De Smith**.*

23. Applikati dawn il-prinċipji għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, din il-Qorti tibda billi tosserva illi minkejja illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda kuntrattwali, il-kwestjoni li għandha quddiemha din il-Qorti effettivament mhix kwestjoni illi tista' tiġi kkunsidrata bħala 'purament' kuntrattwali. Dan stante illi dak illi qed tilmenta minnu s-soċjeta' rikorrenti hija illi deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom kienet waħda *ultra vires* fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi s-soċjeta' rikorrenti qed tallega illi ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali fit-teħid tad-deċiżjoni;

24. Dak illi qed titlob is-soċjeta' rikorrenti mhuwiex illi tiġi riveduta d-deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom, iżda illi jiġi indagat jekk id-deċiżjoni kinitx waħda *ultra vires* jew le. Li kieku s-soċjeta' rikorrenti kienet qiegħda tilmenta illi, fid-deċiżjoni tagħhom, l-intimati jew min minnhom interpretaw b'mod żbaljat xi klawsola fil-kuntratt, jew naqsu milli josservaw xi obbligazzjoni naxxenti mir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom, azzjoni intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma setgħetx tirnexxi, stante illi dawn huma kwestjonijiet illi jistgħu jiġu definiti jew desrkitti bħala kwestjonijiet 'purament' kontrattwali fit-termini tal-prinċipji legali u l-ġurisprudenza suċitata. Madanakollu, dan mhux il-każ fil-każ odjern, fejn dak illi qed jiġi kkontestat huwa l-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni mill-intimati jew min minnhom, liema intimati mhux qed jiġi kontestat illi huma awtoritajiet pubbliċi fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12;

25. Infatti, hekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika et***[4]:

[4] Appell Ċivili Nru 278/2010/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 11 ta' Mejju 2010

*F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero`, ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed titrituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti; pero`, finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni, mhux il-Qorti: Hekk, fil-kawza* ***Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et****, deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:*

*"...il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom."*

Dak illi ser jiġi eżaminat fil-kawża odjerna mhuwiex jekk id-deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom kinitx waħda illi tikkonforma mal-obbligi naxxenti mill-kuntratt viġenti bejn il-partijiet, iżda sejra tkun limitata għal jekk kinitx waħda illi ngħatat b'mod raġonevoli jew *ultra vires* b'inosservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

26. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-tielet eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et.

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**: <u>*L-azzjoni hija nulla peress li skont l-Artikolu 65.1 tal-General Conditions for Works Contract, il-kumpanija rikorrenti kellha l-ewwel tattenta li tipproċedi bonarjament*</u>

27. L-Artikolu 65.1 tal-*General Conditions for Works Contract*[5] jgħid:

> *The Parties shall make every effort to settle amicably any dispute, which may arise between them. Once a dispute has arisen, the Parties, namely the Contracting Authority and the Contractor, shall notify each other in writing of their positions on the dispute and any solution, which they consider possible. If either Party deems it useful, the Parties may refer the matter to the Central Government Authority to act as a mediator between them. A Party shall respond to a request for amicable settlement within 30 days of such a request. The maximum period laid down for reaching such a settlement shall be 120 days from the commencement of the procedure. Should the attempt to reach an amicable settlement fail or a Party fail to respond in time to requests for a settlement, either Party shall be free to proceed to the next stage of the dispute settlement procedure by notifying the other.*

28. Hekk kif diġa ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, dak illi qiegħed jiġi kontestat fil-kawża odjerna mhijiex id-deċiżjoni nnifisha, iżda l-mod kif ingħatat id-deċiżjoni, u cioe jekk kinitx waħda illi ngħatat b'mod irraġonevoli, jew *ultra vires*, jew b'nuqqas t'osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Huwa minnu illi, fil-każ illi din il-kawża jkollha eżitu favorevoli għas-soċjeta' rikorrenti, id-deċiżjoni tiġi dikjarata nulla jew invalida, iżda l-Qorti mhix sejra tiddeċiedi hi stess jekk huwiex dovut il-kumpens skont il-*claim* magħmula mis-soċjeta' rikorrenti jew le. F'każ

[5] Anness mar-rikors promotur, a fol 25 *et seq* tal-proċess. L-Artikolu 65.1 jinsab a fol 76 tal-proċess.

t'eżitu favorevoli għas-soċjeta' rikorrenti fil-kawża odjerna, il-partijiet jerġgħu jitpoġġew fl-i*status quo ante*, u cioe fil-pożizzjoni illi kienu qabel ittieħdet id-deċiżjoni, iżda d-deċiżjoni effettivament terġa' tittieħed mill-intimati jew min minnhom. Bħalma ġia ngħad, is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku s-soċjeta' rikorrenti kienet, bil-kawża odjerna, qed tappella mid-deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom, f'liema każ kien japplika l-Artikolu 65.1 tal-General Contract of Works u lanqas kienet tirnexxi *in primis* kawża intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan, iżda, mhuwiex il-każ fil-każ odjern;

29. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** ukoll ir-raba' eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et.

**Decide**

30. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

   i. **Tiċħad** it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et;

   ii. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**